



# Inkomplu b'aktar tagħrif mill-Arkivju Parrokkjali (7)



Anthony Mifsud

Bħas-sena l-oħra, illum se nkompli ngħaddilkom xi tagħrif mill-kotba 'Defunctorum' (Reġistri tal-Imwiet) u din id-darba meħud mir-raba' volum (Nru. 156 fl-Arkivju). Dan jiġbor fih l-imwiet bejn il-21.12.1760 u l-31.12.1800. Fih total ta' 2735 reġistrazzjoni (5 biss minn Casal Sciluc) fuq medda ta' 41 sena. L-imwiet huma kollha rreġistrati fi 384 paġna, bl-akbar għadd ta' mwiet - 205 - li seħħew fl-1799, u l-anqas - dak ta' 40 - fl-1782.

### *Taħt Tliet Saltniet*

Le, m'iniex se nikteb dwar ir-rumanz storiku klassiku tal-Prof. Ġużè Aquilina li tant kien għal qalbna naqraw f'żgħożitna. Mid-dati li tajt fid-daħla tiegħi, nistgħu naraw li se nkunu qed nimirħu xi ftit fuq l-istorja ta' Malta taħt tliet saltniet: l-ewwel parti se teħodna waqt u fit-tmiem tal-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann meta taħt il-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch (li s-Siġġiewi jġib ismu, bħala Città Ferdinand) ċedew il-gżejjer Maltin lil Napuljun Bonaparti fil-11 ta' Ġunju 1798; it-tieni parti treġġagħna lura għal żmien il-ħakma Franċiża li ġiet fi tmiemha fl-4 ta' Settembru 1800 wara l-imblokk li bdew il-Maltin fit-2 ta' Settembru 1798; it-tielet parti teħodna għall-bidu tal-ħakma tal-Ingliżi li għamlu mhux ftit biex itemmu ż-żmien qasir tal-Franċiżi u spiċċaw bħala l-aħħar ħakkiema tal-gżejjer Maltin.

### *Imwiet ta' Trabi*

F'dan il-volum niltaqgħu mas-soltu numru kbir ta' mwiet ta' trabi, jew sewwasew mat-twelid, jew ftit wara, u ħafna drabi xi aħwa tagħhom ftit tal-jiem wara. Illum se nsemmi biss żewġ każijiet. L-ewwel każ pjetuż seħħ fis-17.12.1780 meta Anna Borg ta' 30 sena, mart Angelo, bint il-mejjet Josephus Farrugia, kienet tinsab marida u muġugħa fil-mument tal-ħlas. It-tabib li kien qed jassistiha (*Excelenti Medico*) ma ħassx li kellu jsejjaħ saċerdot biex jamministra s-sagramenti għax kien kunfidenti li kien biss uġigħ normali tal-ħlas; iżda wara li rremettiet, mietet f'idejn żewġha. Dwar it-tarbija ma jissemma xejn. Il-każ l-ieħor seħħ bejn l-4 u s-17.11.1789 meta Marija, mart il-Kjeriku Gratius Agius, bint Joannes Maria u Ubaldisca, wildet tlett itrabi: waħda mietet mat-twelid u ġiet mgħammda mill-majjistra; fis-7 ta' Diċembru mietet it-tieni tarbija bl-isem ta' Ubaldisca; u sebat ijiem wara mietet it-tielet tarbija bl-isem ta' Gregorius. B'xorti ħażina, tlett ijiem wara, jiġifieri fis-17 ta' Diċembru, tmut ukoll l-omm fl-età ta' 43 sena. Tassew ġrajja familjari kiefra!

### *Imwiet barra s-Siġġiewi*

Bħalma diġà ktibt fid-drabi ta' qabel, id-dfin kien isir fil-knisja parrokkjali. Iżda hawn nibdew insibu ħafna aktar imwiet li seħħew fl-Isptarijiet tal-Ordni u l-mejtin kienu jindifnu jew hemm stess, jew fil-Knisja ta' San Pawl il-Belt. Dawk li kienu jmutu fl-Isptar ta' Santu Spirtu jew ta' Saura, jekk ma jindifnux fl-istess post, kienu jindifnu fil-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat. Għall-ewwel darba niltaqgħu wkoll ma' żewġ sptarijiet ġodda li nassumi kienu temporanji minħabba l-ġlied u l-imblokk tal-Franċiżi fil-Belt Valletta.

Fl-10.9.1799 insibu li Joannes Attard, ta' 44 sena, kaġun ta' feriti li ġarrab, miet fl-Isptar ta' Casal Zebbug. (Dwar imwiet fil-ġlied mal-Franċiżi nikteb aktar 'il quddiem). Sptar ieħor li niltaqgħu miegħu għall-ewwel darba huwa dak imwaqqaf fil-Kunvent ta' San Duminku fir-Rabat fejn insibu l-imwiet ta' Paulus Vella fit-12.3.1799, Nicolaus Zammit fid-19.7.1800 u Simeon Cutajar fis-6.9.1800 li mietu fl-Isptar 'imwaqqaf dan l-aħħar fil-Kunvent ta' San Duminku' *(recentem erectum in Conventu S. Dominici)*.

## *Nies barranin li mietu fis-Siġġiewi*

L-istess bħal fil-volumi ta' qabel, insibu mwiet ta' nies li seħħew fis-Siġġiewi meta huma kienu minn bliet u rħula oħra. Fost dawn insibu numru mhux ħażin mill-ewwel 'refuġjati' li laqa' fih is-Siġġiewi fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi u dawn ġew mill-Belt u l-Kottonera (L-istess storja rrepetiet ruħha fit-Tieni Gwerra Dinjija). Fost dawn insemmi l-każ ta' Domina Rosalinda Decos, mart Dominus Michaelis, bint Battista Callus, mill-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt, li mietet fis-Siġġiewi ta' 62 sena fit-23.7.1798 (nassumi ftit wara li dabbru rashom qabel ma l-Franċiżi bdew jaħkmu lil pajjiżna). Hawn insibu nota marġinali li tgħid li tliet snin wara eżatt, fit-23.7.1801, il-fdalijiet tagħha nqalgħu minn qabarha u ttieħdu fil-Knisja tal-Franġiskani Minuri Konventwali fil-Belt Valletta fejn indifnet mill-ġdid. Vittma oħra tal-istess ġrajja kien Fr. Paulus Carbone *'Cappellanus Obedientia Magistrali'* tal-Ordni Ġerosolmitana, bin Baldassare, li miet is-Siġġiewi fis-17.3.1799. Patri Franciscus Camilleri tal-Ordni Minuri Konventwali ta' San Franġisk miet f'dar oħtu fil-5.4.1799 u wara ġie midfun fil-Knisja ta' San Franġisk ġewwa r-Rabat.

## *Imwiet ta' Saċerdoti u Membri tal-kleru*

La semmejt membri tal-kleru, nista' nkompli nikteb xi ħaġa dwar aktar kollegi tagħhom. Minbarra dawn it-tnejn, niltaqgħu ma' 44 saċerdot ieħor. Żewġ kollegi ta' dan tal-aħħar fl-Ordni ta' San Ġwann kienu Fr. Michael Cutajar li miet fis-6.7.1782 u Fr. Nicolaus Azzopardi, bin Pasquale, ta' 76 sena, li miet fis-17.6.1798. Dawn it-tnejn indifnu fil-Knisja ta' San Giovanni Decollato (Il-Knisja ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann) fil-pjazza tas-Siġġiewi fejn għadna nistgħu naraw il-lapidi tagħhom sal-lum.

Insibu wkoll il-mewt ta' żewġ 'Rector' tal-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi. L-ewwel wieħed huwa Don Salvatore Pace li miet fil-21.7.1790 fl-età ta' 80 sena, wara tletin sena jmexxi l-parroċċa tagħna. Warajh laħaq Don Petrus Decoelis (sic) li miet fis-16.9.1794 fl-għomor ta' 61 sena wara li mexxa l-parroċċa għal tliet snin u sitt xhur, kaġun ta' puplesija serja *(gravi apolplexia)*, u wara ġie midfun f'Casal Pinto (Ħal Qormi). Hafna qabilhom, jiġifieri fit-8.7.1765, fl-età ta' 67 sena, miet Don Joannes Dominicus Caruana li kien serva ta' 'Vicarius' iżda miet bħala 'Vice Parochus'. Niltaqgħu wkoll mal-mewt ta' Don Salvatore Mamo minn Casal Rohan (Ħaż-Żebbuġ) li miet fid-dar ta' neputih fl-4.9.1783. Saċerdot ieħor li miet għand in-neputi tiegħu kien Don Antonius Dingli li, ta' 73 sena, fit-22.4.1777 miet fil-palazz ta' neputih fil-Belt ta' Senglea u wara ġie meħud fil-palazz tiegħu fis-Siġġiewi fejn indifen fil-knisja parrokkjali. Don Joannes Borg kien jgħix f'Città Cospicua (Bormla) fejn miet fid-29.6.1788, fl-għomor ta' 80 sena, iżda wara ġie midfun fis-Siġġiewi. Mar-reġistrazzjoni ta' mewtu nsibu lista sħiħa ta' legati għall-quddies wara mewtu.

Naraw ukoll li Don Antonius Mamo, li miet fis-26.10.1773 fl-età ta' 61 sena, kien organista, waqt li Paulus Schembri, ta' dsatax-il sena, kien professat Kapuċċin lajk fil-Kunvent tal-Kapuċċini fejn indifen wara mewtu li seħħet fl-20.10.1778. Każ kurjuż huwa dak ta' Don Nicolaus Borg, bin il-mejjet Mastro Salvatoris, li ta' 66 sena, fil-15.11.1764 miet u billejl, fil-privat u mingħajr pompa, ġie meħud fil-knisja parrokkjali tagħna *(de nocte privatim in Eccl. Parr. sine nulla pompa)* fejn indifen bil-permess *(de licentia)* tal-Isqof Rull. L-aħħar każ ta' interess dwar saċerdoti hu dak ta' Don Nicolaus Cutajar li, ta' 37 sena, fl-24.11.1790, wara li tefa' x-xlief il-baħar għall-ħut fil-post magħruf 'Ittorna' - kelma mhix ċara li tindika post partikolari li forsi xi ħadd jaf jgħidilna fejn hu, jekk l-isem għadu jintuża - *(sua linea lamata proiecisset in mare ad pisces capiendos in loco qui vocatur Ittorna)*, waqa' l-baħar fejn għereq *(precipitem casum devolutus est in mare et ibi submersus est)*. Bħala l-aħħar referenza għal dak li għandu x'jaqsam mal-knisja parrokkjali nsemmi l-mewt ta' Joannes Camilleri, ta' 56 sena, li seħħet fit-3.11.1779, u li huwa reġistrat bħala sagristan (Sacrista) u li, aktarx b'rispett lejh, indifen bla obbligu li jagħti xemgħa lill-knisja *(candelis gratis)*, dritt tal-Jus Candelarum, dritt li kellu s-saċerdot li jmexxi xi funzjoni bħal funeral





jew magħmudija. F'dan ir-reġistru nsibu kemm-il darba noti fejn hemm miktub '*Candele consegnate al Vescovo'*, jiġifieri 'xemgħat mgħoddija lill-Isqof'. Dan ukoll kellu dritt għal sehem minn dak li kien jirċievi l-kappillan.

## *Sorijiet u Terzjarji*

Ma' dawn is-46 saċerdot, niltaqgħu wkoll mar-reġistrazzjoni ta' 24 soru (soro/soror). Hemm erbgħa li ma jissemmew ma' ebda Ordni reliġjuża, iżda mniżżlin biss bħala Soro jew Soror. Waħda oħra hija mfissra bħala Capucina. Insibu Terzjarja fl-Ordni ta' San Franġisk u oħra fl-Ordni Minuri ta' San Franġisk ukoll. Tlieta kienu msieħba bħala Terzjarji fl-Ordni ta' Santu Wistin (Ordinis Eremitarium), filwaqt li bħala Terzjarji fl-Ordni tal-Karmelitani nsibu għaxra oħra, tlieta minnhom aħwa Camilleri. Tlieta minn din l-Ordni għandhom miktub li kienu Bizocca li tfisser l-istess bħal 'Terzjarja'; dawn ma kinux sorijiet proprji, iżda kienu jintrabtu li jgħixu ħajja spiritwali. Tnejn minn dawn kienu wkoll romol: Anna Tabone, armla ta' Paulo, bint Nicolaus Farrugia, li mietet ta' 54 sena fl-4.4.1799, u Antonia Xicluna, armla ta' Joannes Pietro, bint Leonardus Pace, li mietet ta' 70 sena fid-29.11.1798. Soror Marcella Pace, ta' 79 sena, sitt ijiem qabel ma mietet fis-16.7.1798, ħalliet *disposizione* (testment) interessanti ħafna fejn, minbarra s-soltu flus li jitħalla għall-quddies u lil diversi fratellanzi, ħalliet flus lin-neputijiet, ħwejjeġ *(faldetta)*, ċoqqa u velijiet tal-Karmnu lin-neputija Soror Maria Schembri, filwaqt li inkwatru tal-ħġieġ indurat bix-xbieha tal-Ecce Homo u ieħor bix-xbieha tas-Sebgħa Duluri ġew imħollija lil neputi ieħor, fost ħwejjeġ oħra lil qrabatha. *Disposizione* oħra ħallietha Soror Catharina Eugenia Spiteri li kienet waħda minn erba' Terzjarji fl-Ordni tal-Predikaturi (Dumnikani); din mietet fl-għomor ta' 60 sena, fil-25.4.1763, u ħalliet għaxar skudi bħala kapital biex mill-interessi tiegħu tibda ssir prietka f'ġieħ San Duminku f'jum il-festa tiegħu.

Bħalma fissirt fl-aħħar artiklu tiegħi, anke f'dan il-volum insibu ħafna minn dawn id-dispożizzjonijiet iddettati lill-kappillan li kienu jiġu reġistrati xi jiem qabel il-mewt ta' min ikun għamilhom. Iżda fl-aħħar ta' dan il-volum insibu erba' paġni oħra minn dawn, filwaqt li f'paġna mhux innumerata qabel l-ewwel paġna tal-volum insibu nota żgħira bla data, iżda tas-sena 1766, fejn insibu li Maria Borg, mart Grazio, magħruf bħala 'l-Isqof' (il Vescovo), għaddiet lill-Kappillan Salvatore Pace ħames skudi għall-funeral tagħha kif ukoll għal quddies għal ruħha, iżda meta f'Awwissu tal-istess sena ħadet saħħitha lura, talbet il-flus lura u dawn ngħatawlha quddiem ix-xhieda.

Bħala l-aħħar tagħrif żgħir li hu relatat ma' sorijiet u kunventi, nixtieq insemmi lil Paula Margarita Spiteri, bint Joannes, li mietet fl-24.2.1781, ta' 54 sena, u li kienet seftura/qaddejja *(famula)* fil-Kunvent tal-Monasteru ta' San Benedittu fil-Belt tal-Imdina.

## *Tliet laqmijiet li ntilfu maż-żmien*

Għadni kemm ktibt il-laqam ta' Grazio Borg ('l-Isqof'). F'dan il-volum sibt nota ta' żewġ laqmijiet oħra. Wieħed huwa ta' Maria Dimech, mart Joannes, bint Michael Zarp, li mietet fit-8.9.1780, u li kienet magħrufa bħala 'l-Ingleida'. Il-laqam l-ieħor huwa dak 'tal-Galani' li kien iġib Franciscus Zammit, bin Matteolus, li miet ta' 70 sena fl-24.6.1790 ġewwa l-Isptar tal-Ordni fejn ukoll indifen.

Aktar qabel għamilt referenza għal xi 'Capellani' tal-Ordni ta' San Ġwann. F'paġna 112, fl-24.1.1773 insibu reġistrazzjoni li tagħmel referenza għall-kap tal-istess Ordni u jiġifieri għall-mewt tal-Prinċep Emanuel Pinto, Gran Mastru tal-gżejjer Maltin, li dam jirrenja għal 32 sena u tmint ijiem u li miet ta' 92 sena u ndifen fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann fejn qabel kien espost. Nota marġinali tgħid li b'ordni ta' Mons. Isqof Pellerano kellhom isiru tliet sigħat ta' Agunija bl-Espożizzjoni tas-Sagrament għal dan il-prinċep (il-Gran Mastru) u quddies għall-prinċep elett ġdid, Fra Franciscus Xaverius Ximenes, Spanjol.

*(ikompli f'paġna 36)*





### *Qaddiefa fuq xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann*

B'rabta mal-istess Ordni, mhux bħal f'volumi ta' qabel, ftit insibu tagħrif dwar Siġġiwin fuq ix-xwieni tal-istess Ordni. L-ewwe qaddief *(Remigator Triremibus)* li ltqajt miegħu kien Joannes Borg, bin Celestus, li, wara kwarantina, ittieħed fl-Isptar tal-Ordni fejn fil-11.8.1767 miet fl-età ta' 48 sena u ndifen fl-istess post. Insibu wkoll li fl-10.9.1784 ġiet irreġistrata l-mewt ta' Stefanus Pace, bin Franciscus u Rosa, li ta' 22 sena kien ibaħħar fuq ix-xwieni *(nauta super Triremes)* tal-Ordni fil-gwerra mibdija mir-Re Kattoliku ta' Spanja kontra t-Torok u ta' Barbarija *(contra Turcos et Barbaros)* fil-Belt ta' Cirthe, jiġifieri l-Alġeri *(Civitatis Cirthe id est Algieri)* (sic), meta fil-11.7.1784 ġie ferut u wara miet u ġismu ġie mixħut il-baħar. (F'din il-battalja l-Kavallieri, taħt De la Fresoniere, urew kuraġġ kbir u ħarġu minn fuq).

Petrus Antonius Galea *(Chirurgus)*, bin Joannes, filwaqt li kien ibaħħar mal-pirati *(navigens cum Piratis)*, marad, u wara li ddaħħal fil-Port ta' Marsamxett għall-kwarantina, miet fit-30.12.1782 u ndifen fil-'post tas-soltu'.

### *Imwiet aċċidentali*

Nixtieq issa nwassal xi kurżitajiet oħra jew imwiet b'aċċidenti, qabel ma nagħlaq fl-aħħar b'dak li għandu x'jaqsam mal-ġlied kontra l-Franċiżi li beda mill-10.6.1798. Gregorius Cutajar ta' 65 sena, bin Lazarus, miet fit-22.1.1769. Huwa kien skjav iswed ħieles *(Etiops Mancipium)* ta' Rev. D. Antoninus Cutajar. Joseph Farrugia, bin Dominicus, ta' 60 sena, li miet fit-18.7.1790 fl-Isptar tal-Ordni, kellu 'posta fis-suq ta' Sant Anġlu' *(piazzante in S. Angelo)*.

Fl-4.2.1762 Salvator Muscat, bin Gratius u Maria, miet ta' 51 sena fl-Isptar tal-Ordni wara li kien spiċċa b'saqajh miksura *(fractus cruribus)* wara li waqa' ħajt fuqu f'għalqa *(muro rurali lapsus)*. Teodora Xicluna, ta' 40 sena, mart Josephus minn Ħaż-Żabbar, bint Alexandrus Mamo u Maria, waqt li kienet qed iżżur lil bintha fis-Siġġiewi fil-11.5.1763, b'aċċident waqgħet għoli ta' tmint ixbra *(octo palmorum)* u mietet. Nicolaus Borg, tifel ta' 11-il sena, bin il-mejjet Gratius u Teresia, fit-23.3.1765 għereq taħt is-swar ta' Sant'Iermu *(in lacum aque sub Muro Oppidi S. Elmi decidens submersus)* u ndifen fl-Isptar tal-Ordni fil-viċin.

Diżgrazzja doppja laqtet lil Teodorus Bonello u martu Sperantia meta fil-25.5.1765, żewġ uliedhom, Nicolaus ta' 26 sena u Joannes ta' 28 sena, waqt li kienu qed jaħdmu f'ġiebja *(magna cisterna vulgo Gebia)* ġewwa Ħaż-Żebbuġ, intradmu minn blat kbir u tilfu ħajjithom. Pasqualis Muscat, bin Nicolaus u Teodora, ta' 22 sena, fit-8.5.1768, ħdejn il-knisja filjali tal-Assunta, wara li qala' daqqa ta' ħarta, inqatel b'arma tal-ħadid f'sidru *(po alassa percussus, iterato ferro sauciatus in pectore)*.

Diżgrazzja oħra laqtet lil tifel ċkejken ieħor. Nicolaus Bonello, ta' għaxar snin, bin Salvatoris u Gratia, fl-20.6.1770 iddeċieda li jieħu rikba fuq ħmar meta siequ tħabblet ġo ħabel u ġie mkaxkar mill-istess ħmara *(complicato pede quadum fume ligato...asina raptus)*; b'kumbinazzjoni kien għaddej saċerdot li tah l-assoluzzjoni fit-triq ta' Ġnien Dors *(accidentalit transeunte in via ta Ginien Dors)* (sic). Bagħal kien il-kaġun tal-mewt ta' Michael Gambino, armel ta' Maria, bin Josephus, ta' 52 sena. Dan, bi sfortuna, waqa' minn fuq dahar din il-bhima *(de dorso mulae decidens in terram)* u minħabba f'hekk ġarrab diversi ksur foshom tal-ossu sagru *(diversi partis corporis presertim os sacrum contundens)*. Huwa miet fl-Isptar tal-Ordni fl-14.7.1781 fejn ukoll indifen.

Antonia Camilleri, bint il-mejtin Dominicus u Natalitia, ta' 79 sena, fit-22.3.1779, f'attakk ta' ferneżija waqgħet fl-art fil-bitħa ta' darha. Minħabba d-dgħufija tagħha ma setgħetx tqum, bir-riżultat li bbieset u mietet kaġun tax-xita u l-kesħa li għamlet *(imbrium abluta et frigore rigido oppressa expiravit)*. Tifel ieħor ta' 8 snin, Josephus Borg, bin Thoma u Antonia, miet fil-15.8.1787 meta fettillu jitla' ma' ħajt fid-dar tiegħu fil-kampanja u b'idejh qala' ġebla minn postha *(proprij manibus ascendendo lapidem extracta de loco suo)*; din il-ġebla spiċċat fuq rasu u qatlitu





*(sed lapis super capus eius, et puer illico' mortus est)*.

Tfajjel ieħor, din id-darba ta' 11-il sena, Paulus Bonello, bin il-mejjet Josephus, b'saħħtu kemm f'ġismu kif ukoll f'moħħu *(sanus mente et vivetrij corporis)*, miet b'tir ta' xkubetta *(explosione scolpeti)* u spiċċa mitfugħ mal-art *(projectus in terram)*. Fl-1.8.1794 Nicolaus Bonello, bin Felicis, ta' 51 sena, miet f'bir f'binja fqira fil-kampanja *(Tugrerio puzoli rustici)*. L-aħħar aċċident li seħħ qabel ngħaddi għall-aħħar parti ta' dan l-artiklu seħħ fis-26.8.1797 lil Nicolaus Attard, tifel ta' 8 snin, li miet mirdum minn xi ġebel *(lapide obrutus)*.

## Il-Qawmien kontra l-Franċiżi

Ngħaddi biex nagħlaq dan l-artiklu - forsi xi ftit itwal minn drabi oħra - bl-aħħar ftit tagħrif ta' importanza. Inħoss li hu ta' unur għas-Siġġiewi meta se nikteb dwar ħdax-il raġel mis-Siġġiewi li mietu għal pajjiżhom fit-taqbid kontra l-Franċiżi meta dawn ħakmu l-gżejjer tagħna fil-11 ta' Ġunju 1798.

Niltaqgħu l-ewwel ma' reġistrazzjoni doppja bl-ismijiet ta' Nicolaus Micallef ta' 35 sena, bin Eugenius, u miżżewweġ lil Angela, u ta' Antonius Schembri, bin il-mejjet Antonius, ta' 18-il sena, li mietu fit-taqbid mal-Franċiżi fix-xatt ta' Dellimara *(ceciderunt in conflictu cum Gallis in littore ta Dillimara)* u l-iġsma tagħhom instabu l-għada maħruqin *(quorum corpora inhuenata post ediem reperta sunt cremata)*. L-istess xorti messet lil Nicolaus Caruana ta' 46 sena, bin il-mejjet Antonius, u miżżewweġ lil Catharina, meta ġismu nstab maħruq bin-nar. Dan kollu seħħ fl-10 ta' Ġunju 1798 meta l-Franċiżi żbarkaw xi truppi ġewwa Dellimara. L-għada, il-11 ta' Ġunju, insibu reġistrata l-mewt ta' Franciscus Camilleri ta' 30 sena, bin Angelus, u miżżewweġ lil Maria, li fit-taqbid tal-ġurnata ta' qabel *(eadem prelio)* ġie ferut *(inflicto vulnere)* u wara li ġie mqarar minn Josephus Pace, Vikarju Kurat ta' Casal Haxach, miet fid-dar ta' Josephus Xicluna u ndifen fil-knisja ta' Hal Għaxaq. Michaelis Farrugia, bin Jo. Maria, ta' 25 sena, fid-19.9.1798 ġie ferut għall-mewt fit-taqbid mal-Franċiżi *(lethaliter sauciatus in pugna cum Gallis)* u miet fl-Isptar ta' Saura fejn ittieħed u wara ndifen fil-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat. Dan għandi nifhem li seħħ wara li l-Maltin qamu għall-Franċiżi ġewwa l-Imdina fit-2 ta' Settembru ta' qabel. Fil-15.12.1798 Jo. Maria Grech, bin Rosarius, u miżżewweġ lil Maria, miet fl-età ta' 45 sena ġewwa l-Isptar Saura wara li kien ġie ferut fi ġlied fi żmien il-gwerra *(sauciatus tempore belli)* u wkoll ġie midfun fil-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat. Josephus Vassallo, bin il-mejjet Nicolaus, u miżżewweġ lil Maria, miet fl-għomor ta' 30 sena fil-11.1.1799 wara li kien ġie ferut minn balla ta' kanun fil-ġlied mal-Franċiżi *(pila tormenti bellici percussus tempore belli cum Gallis)*. Huwa ġie midfun f'Casal Tarxen; għal liema raġuni, ma nafux. L-għada, fit-12.1.1799, insibu reġistrata l-mewt ta' Antonius Zammut, ukoll miżżewweġ lil Maria oħra, bin Oratius, ta' 56 sena, li miet kaġun ta' feriti li ġarrab fl-istess ġlied *(lethaliter sauciatus tempore belli)*. Ftit aktar minn xahar wara nsibu l-mewt tad-disa' vittma ta' dan il-ġlied mal-Franċiżi meta fit-22.2.1799 Josephus Bartolo, ta' 30 sena, bin Antonius, u miżżewweġ lil Paula, miet kaġun ta' ferita minn arma tan-nar waqt din ir-rivoluzzjoni *(casu sua ignes ballista sauciatus tempore Revolutionis)*; huwa miet ukoll ġewwa l-Isptar ta' Saura u ndifen fil-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat. Fit-12.3.1799, ta' 35 sena, miet Paulus Vella (li semmejt aktar qabel), iben Franciscus u miżżewweġ lil Gratia, kaġun ta' feriti minn ċomb sparati minn arma *(in rixa sauciatus ignes globulo a minimo bellico strumenti emisso)*, u ġie meħud u midfun fl-Isptar imwaqqaf fil-Kunvent ta' San Duminku fir-Rabat. Fl-10.9.1799 insibu li Joannes Attard (li wkoll semmejt aktar qabel), miżżewweġ lil Antonia, bin Silvius, ta' 44 sena, miet kaġun ta' feriti li ġarrab *(lethalitis sauciatus susceptis)* fl-Isptar imwaqqaf ġewwa Casal Żebbuġ u midfun fl-istess raħal.

Dawn l-aħħar żewġt imwiet, għalkemm ma hemm ebda referenza għall-ġlied mal-Franċiżi, għandi nifhem li mietu wkoll kaġun ta' hekk.

*(ikompli f'paġna 38)*





### *Rakkomandazzjoni u Għeluq*

Wara li għadda dan iż-żmien kollu, u issa li forsi għall-ewwel darba qed isiru magħrufin pubblikament, naħseb li wasal iż-żmien li raħalna jonora lil dawn l-irġiel b'xi mod jew ieħor, permezz ta' lapida jew isem ta' triq, anke wara li jsir aktar tiftix jekk ikun hemm bżonn. Aktar minn hekk, jien għandi għax naħseb li bħalma kien hawn dawn l-imwiet reġistrati fil-kotba tas-Siġġiewi, hemm oħrajn fir-reġistri ta' parroċċi oħra. Jekk dawn qatt ma nġabru flimkien, wasal il-waqt li xi ħadd jagħmel dan u kollha kemm huma jibqgħu mfakkra bħalma huma mfakkra dawk li mietu fi ġlied ieħor.

Qabel nagħlaq dan l-artiklu, bħas-soltu nixtieq nirringrazzja lil Dott. Giovanni Bonello, l-ewwel nett tal-inkoraġġiment ma jieqaf qatt min-naħa tiegħu u, fuq kollox, wara li għal darb'oħra għaddieli xi tagħrif storiku u tal-ħafna traduzzjonijiet mil-Latin.

Ħajr lill-Każin tal-Banda 'San Nikola', lis-Siġġiewi Festival Brass Band, lill-Għaqda tan-Nar 'San Nikola' u lill-Grupp tal-Armar '6 ta' Diċembru' għall-ħidma tagħhom b'risq il-festa. Għal dettalji dwar il-programmi u s-sehem tagħhom, ara l-magazins rispettivi tagħhom.

## Kurunella ta' San Nikola

San Nikola, l-Anġlu ħabbar 'l ommok
li kellek tkun qaddis kbir;
itlob għalina, biex ħadd minna
tad-dnub ma jaqa' lsir.
**Missierna, Sliema, Glorja**

San Nikola, kif twelidt urejt tjubitek
bis-sawm u bl-orazzjoni;
itlob għalina, biex qatt ma naqgħu
fit-tentazzjoni.
**Missierna, Sliema, Glorja**

San Nikola, minn ċkunitek tajt is-saħħa
lill-morda u 'l-magħtubin;
itlob għalina, biex aħna wkoll
inħennu u ngħinu l-imġarrbin.
**Missierna, Sliema, Glorja**

San Nikola, għall-karità tajt id-doti
u ħarist mid-dnub tliet xebbiet;
itlob għalina, biex inħobbu l-ġieħ
u qatt ma ntebbgħuh bid-dnubiet.
**Missierna, Sliema, Glorja**

San Nikola, ġarrabt il-ħabs, l-eżilju,
għall-fidi nisranija;
itlob għalina, biex aħna wkoll
għal Alla nsofru kull tbatija.
**Missierna, Sliema, Glorja**

San Nikola, b'devozzjoni kbira
mort iżżur fejn Kristu għex u miet;
itlob għalina, biex wara mewtna
naraw lil Kristu fil-glorja tas-smewwiet.
**Missierna, Sliema, Glorja**

San Nikola, li ġejt magħżul
Arċisqof tal-Belt ta' Mira;
itlob għalina, u nissel fina għalik
imħabba u devozzjoni kbira.
**Missierna, Sliema, Glorja**

San Nikola, mitt ferħan
bl-anġli jkantaw miegħek;
itlob għalina biex ikollna mewtna
tixbah lil tiegħek.
**Missierna, Sliema, Glorja**